*li kieku l-appellat ma ċċaħħadx mill-proprjetà immobbli inkwistjoni, huwa ma kienx ikun eliġibbli għall-għajnuna soċjali li applika għaliha, minħabba l-mod kif jaħdem it-test tal-mezzi –l-appellat ittrasferixxa l-proprjetà b'mod liberu u gratuwitu, mingħajr ma kkonsidra li dik il-proprjetà immobbli setgħet f'xi data futura tintuża biex twieżen lilu u lil martu billi tirrendilhom introjtu f'każ li tinkera jew qligħ ta' somma flus sostanzjali f'każ li tinbiegħ, u bir-rikavat tagħha jkunu jistgħu jgħixu komdi mingħajr il-ħtieġa li jirrikorru għall-għajnuna soċjali –meta l-appellat ittrasferixxa l-proprjetà fl-2014, huwa diġà kien pensjonant u għalhekk kien fi stadju f'ħajtu fejn ma kellux jiċċaħħad minn riżorsa li setgħet tirrendilu introjtu jew profitt f'każ li tinbiegħ. Iċ-ċirkostanzi tal-ħajja huma tali li aktar ma persuna tikber fl-età, aktar jikbru l-ispejjeż marbuta mal-kura tas-saħħa tal-individwu, u ċertament li mhux fl-interess tal-ġid komuni li d-dipartiment governattiv li huwa responsabbli minnu l-appellant jagħlaq għajnejh għal trasferiment bħal dak li għamel l-appellat, u l-piż tal-għajnuna li għandu bżonn l-appellat jintefa' fuq spallejn l-Istat u jkollu jagħmel tajjeb għalih it-taxpayer*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2021

Appell Inferjuri Numru 15/2020 LM

**Nazzarene Cutajar (K.I. Nru 250946M)**
*("l-appellat")*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, hawnhekk "l-appellant", minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali (minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"), tas-6 ta' Frar, 2020 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Arbitru ddeċieda li l-appell intavolat mir-rikorrent **Nazzarene Cutajar (K.I. 250946M)**, hawnhekk "l-appellat", wara deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat tad-19 ta' Lulju, 2017, li r-rikorrent mhuwiex eliġibbli għall-Għajnuna għal Mard, għandu jiġu milqugħ.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta' ittra mibgħuta fid-19 ta' Lulju, 2017, ir-rikorrent ġie mgħarraf mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali li l-applikazzjoni tiegħu sabiex jingħata Għajnuna għall-Mard kienet ġiet mistħarrġa, u ġie deċiż li huwa ma kienx għadu intitolat għal din l-għajnuna għaliex id-Direttur Ġenerali intimat ma kienx sodisfatt li l-valur tar-riżorsi kapitali tiegħu ma kinux jeċċedu it-€23,300 u/jew li r-rikorrent ma ddisponiex mill-kapital tiegħu biex jikkwalifika għal din it-tip ta' għajnuna. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni permezz ta' appell li ressaq quddiem l-Arbitru.

**<u>Mertu</u>**

3. Jirriżulta li qabel ġie intavolat l-appell odjern, ir-rikorrent kien intavola appell ieħor, wara li permezz ta' ittra mibgħuta lilu mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali fis-16 ta' Settembru, 2015, ir-rikorrent kien ġie mgħarraf li kien

tħallas l-ammont ta' €20,514.76 żejjed f'Għajnuna għall-Mard fil-perijodu bejn it-13 t'April, 2002 sal-20 ta' Frar, 2015, u dan wara li lid-Direttur Ġenerali intimat kien irriżultalu li r-rikorrent kellu kapital li jeċċedi l-iskala stabbilita bil-liġi. Sussegwentement, id-Direttur Ġenerali intimat kien bidel il-pożizzjoni tiegħu, u rreveda l-ammont imħallas żejjed lir-rikorrent għal €4,565.05, u llimita t-talba għar-rifużjoni għall-perijodu bejn it-23 ta' Frar, 2013 u l-20 ta' Frar, 2015, għall-imsemmi ammont. Din l-investigazzjoni kienet infetħet wara li aktar kmieni fl-2014, ir-rikorrent kien mar l-Uffiċċju Distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, fejn ippreżenta kopja ta' kuntratt ta' donazzjoni tal-proprjetà bin-numru 41, Triq Aloisio, Qormi, liema donazzjoni saret mir-rikorrent lin-neputi tiegħu. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega li meta r-rikorrent applika għall-Għajnuna għall-Mard, dan naqas milli jiddikjara li huwa kellu din il-proprjetà. F'dawk il-proċeduri, l-Arbitru kien iddeċieda fis-sens li huwa ma kienx konvint li r-rikorrent ma ttrasferiex din il-proprjetà sabiex iċaħħad lilu nnifsu minn kapital sabiex ma jeċċedix l-iskala ta' €23,000 stabbilita bil-liġi. Ir-rikorrent ma kienx appella minn dik id-deċiżjoni, u għalhekk din għaddiet in ġudikat.

4. Fir-risposta tiegħu għall-appell tar-rikorrent fil-proċeduri quddiem l-Arbitru, id-Direttur Ġenerali intimat spjega li r-rikorrent applika mill-ġdid għall-Għajnuna għall-Mard fid-9 ta' Frar, 2017, u din l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda għaliex fil-fehma tad-Direttur Ġenerali intimat, is-sitwazzjoni tar-rikorrent baqgħet l-istess kif kienet meta ġie deċiż l-appell preċedenti fil-konfront tiegħu. Għal darb'oħra d-Direttur Ġenerali intimat qal li lilu kien irriżultalu li r-rikorrent kien ittrasferixxa proprjetà li tiswa €65,000 b'titolu ta'

donazzjoni lin-neputi tiegħu, u għalhekk huwa ma setax ikun sodisfatt li l-kapital li kellu r-rikorrent ma kienx jeċċedi l-iskala stabbilita skont il-Kap. 318 ta' €23,300, u/jew li r-rikorrent ma ċaħħadx lilu nnifsu minn kapital sabiex ikun jista' jibbenefika minn din l-għajnuna.

5. Quddiem l-Arbitru ġiet ippreżentata kopja ta' kuntratt tal-1 ta' Awwissu, 2014, fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, li permezz tiegħu r-rikorrent Nazzareno Cutajar u martu Carmela Cutajar, ittrasferew il-fond numru 41, Aloisio Street, Ħal Qormi, b'titolu ta' donazzjoni, lil Brandon Galea, li jiġi n-neputi tar-rikorrent.

6. Ir-rikorrent xehed quddiem l-Arbitru, fejn spjega li huwa kien xtara dan il-fond fl-1992 għaliex kellu tifel li kien dilettant taż-żwiemel, u ried post adattat għalhekk. Qal li sfortunatament it-tifel tiegħu tilef ħajtu ta' wieħed u għoxrin sena, u sussegwentement huwa ddeċieda li jagħti dan il-post b'titolu ta' donazzjoni lin-neputi tiegħu. Ir-rikorrent qal li huwa għandu pensjoni ta' ftit aktar minn sitt mitt Euro fix-xahar, u ppreżenta xi ċertifikati mediċi bħala prova li huwa jsofri minn xi kundizzjonijiet.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Frar, 2020, l-Arbitru ddeċieda l-appell quddiemu b'dan il-mod:

> *"Illi fid-19 ta' Lulju, 2017, id-DGSS ħa d-deċiżjoni li l-appellant ma kienx intitolat għal Għajnuna Medika minħabba li ma kienx sodisfatt li l-valur tar-riżorsi kapitali tiegħu*

*ma jeċċedux it-23,000 Euro u/jew li ma ddisponiex mill-kapital biex jikkwalifika għal għajnuna tal-mard.*

*Id-DSS irrisponda billi qal li f'appell ieħor li jġib in-numru 728/15 kien ġie deċiż kontra l-appellant kif diversament kompost bid-deċiżjoni numru 326/16. L-appellant applika għal Għajnuna għal Mard fid-9 ta' Frar, 2017. Ir-raġuni li ġiet miċħuda l-applikazzjoni tiegħu minħabba l-fatt li kien iddona proprjetà li l-valur tagħha kien ta' 65,000 Euro u għalhekk id-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-kapital tal-appellant ma kienx jeċċedi l-iskala skont il-Kap. 318 ta' 23,000 Euro u li ma ċaħħadx lilu nnifsu minn Kapital. Kien għalhekk li ħarġet din id-deċiżjoni kontra l-appellant.*

*Ikkunsidra*

*Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri ġie esebit il-proċess tal-appell imsemmi fir-risposta tad-DGSS. Illi l-partijiet kienu qablu li dawn id-dokumenti jagħmlu parti wkoll integrali minn din il-kawża ta' appell għal applikazzjoni ġdida li għamel l-appellant.*

*Ikkunsidra*

*Illi din il-kwistjoni kollha ddur fuq il-fatt li l-appellant kien ta bħala donazzjoni proprjetà lin-neputi tiegħu fis-sena 2014. Illi jidher skont il-kuntratt esebit, din il-proprjetà kienet inxtrat fis-sena 1992 mill-appellant flimkien ma' martu. Jidher ukoll li meta l-appellant kien applika fl-2002, din il-proprjetà qatt ma kienet dikjarata. Illi kien biss fis-sena 2014 meta l-appellant mar minn jeddu u ta kopja tal-kuntratt ta' donazzjoni lid-DSS fejn minn hemm reġgħet saret evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tiegħu. Illi kien għalhekk li ħarġet talba għal rifużjoni ta' ħlas żejjed li sarlu.*

*Illi issa hawn sitwazzjoni li għalkemm hija konnessa, jekk fil-fatt l-għażla li jagħti bħala donazzjoni proprjetà għandhiex tibqa' titqies bħala ċirkostanza perpetwa li tħalli effett fuq kull applikazzjoni li applikant jista' jagħmel. Illi d-DGSS qiegħed jargumenta li jekk huwa ta bħala donazzjoni proprjetà kwalunkwe applikazzjoni li jista' jagħmel se jkun hemm rifjut minħabba li ċaħħad lilu nnifsu kapital.*

*Fiċ-ċirkostanzi tal-ewwel każ, id-DGSS seta' kellu raġun fuq il-kwistjoni meta argumenta b'dak il-mod. Id-DGSS kellu argument ieħor sod favur tiegħu fejn l-appellant naqas milli jiddikjara din il-proprjetà li kien xtara diversi snin qabel. Illi kien biss għall-fatt li l-appellant mar bl-istess kuntratt li d-DSS intebaħ li b'hekk hemm xi ħaġa li trid tiġi riveduta fil-konfront tal-appellant.*

*Illi però fiċ-ċirkostanza li hawn quddiem l-Arbitru hija applikazzjoni ġdida u l-konsegwenzi tagħha ġew konnessi mal-każ li ġie deċiż kontra l-appellant. Illi jidher fl-applikazzjoni l-ġdida li għamel l-appellant ma hemmx dikjarazzjoni ta' proprjetà u*

*dan huwa attribwit issa għall-fatt li din ġiet donata qabel ma saret din l-applikazzjoni. Jidher b'mod ċar li fil-kuntratt esebit tad-donazzjoni li kien mertu tal-appell ieħor, hemm imniżżel li din id-donazzjoni saret via ta' titolu ta' donazzjoni irrevokabbli. Illi għalhekk din il-kundizzjoni qiegħda torbot li huwa m'għadux aktar sid din il-proprjetà u ġiet mgħoddija lin-neputi tiegħu.*

*Illi għalhekk fl-applikazzjoni tiegħu kien ġust mas-sitwazzjoni preżenti fejn qal li ma kellux proprjetà u din għar-raġuni msemmija fil-kuntratt. Illi għalhekk is-sitwazzjoni tiegħu hija differenti minn dak iż-żmien li kellu jirrifondi lura flus lid-dipartiment. Fil-mument li huwa applika ma kellux dawk il-mezzi biex ma jissodisfax dak li tgħid il-Liġi.*

*Din hija applikazzjoni ġdida u d-DGSS irid iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ fis-sitwazzjoni preżenti ta' meta l-applikant ikun applika u mhux għaċ-ċirkostanzi passati tiegħu. Illi għandu jingħad li d-DGSS ma ġabx prova tal-mezzi li għandu l-appellant iżda straħ fuq il-kwistjoni passata tal-appellant sabiex jipprova li kien ċaħħad lilu nnifsu minn kapital. Illi f'dan il-każ is-sitwazzjoni passata ma tistax tibqa' tintuża f'kull applikazzjoni li tkun saret.*

*Iċ-ċirkostanzi kienu tali meta applika l-ewwel darba iżda fiċ-ċirkostanzi preżenti, id-DGSS kellu jieħu deċiżjoni b'mod oġġettiv għas-sitwazzjoni ġdida li għandu quddiemu. Għandu jingħad li persuna jista' jkollha sitwazzjonijiet fejn inbidlu u tagħha kellha tħallas tagħhom. Ir-raġuni li huwa kien ta donazzjoni tliet snin qabel u tagħha ħallas, ma jistax jibqa' jintuża għal kull sitwazzjoni meta hija sitwazzjoni irrevokabbli.*

*Illi wieħed japprezza li d-DGSS irid jara li persuna ma tabbużax bis-sistema iżda lanqas min-naħa l-oħra ma jista' jibqa' juża l-passat għad-detriment tal-appellant. Illi f'ċirkostanzi bħal dawn applikazzjoni mill-ġdid għandha tiġi kunsidrata fil-mertu tagħha u fis-sitwazzjoni preżenti.*

*Illi fid-dawl ta' dan l-Arbitru jilqa' t-talba tal-appellant u per konsegwenza d-deċiżjoni tad-DGSS f'dan ir-rigward qiegħda tiġi revokata billi jordna lid-Dipartiment jerġa' jirrevedi l-applikazzjoni tal-appellant fiċ-ċirkostanzi odjerni tiegħu."*

## **<u>L-Appell</u>**

8. Id-Direttur Ġenerali appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fis-7 ta' Mejju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Arbitru ta' nhar is-6 ta' Frar, 2020, u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tad-19 ta' Lulju, 2017."*

L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex fil-fehma tiegħu l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi skont il-Kap. 318. L-appellant spjega li l-ewwel darba li l-appellat applika għall-Għajnuna għal Mard kien fis-sena 2002, u din it-talba kienet ġiet milqugħa mid-Dipartiment. Qal li wara li saret investigazzjoni, huwa kien bagħat jinforma lill-appellat li fil-perijodu bejn it-13 ta' April, 2002 u l-20 ta' Frar, 2015 huwa kien tħallas żejjed l-ammont ta' €20,514.76 u dan għaliex fil-fehma tal-appellant, l-appellat kien jeċċedi l-iskala jew kien qiegħed iċaħħad lilu nnifsu minn riżorsi jew proprjetà tiegħu sabiex jikkwalifika għall-għajnuna. L-appellant qal li permezz ta' ittra tat-2 ta' Novembru, 2016, huwa kien informa lill-appellat li l-ammont ta' flus li kellu jiġi rifuż għall-perijodu bejn it-23 ta' Frar, 2013 u l-20 ta' Frar, 2015, kien ġie ridott għal €4,565.05. Qal li huwa kien ħa l-ewwel deċiżjoni tiegħu meta sar jaf li l-appellat kellu proprjetà ġewwa Ħal Qormi, u dan ma kienx informa biha lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali meta applika għall-Għajnuna għal Mard l-ewwel darba. L-appellant żied jispjega li din il-proprjetà ġiet trasferita mill-appellat lin-neputi tiegħu fl-2014 b'donazzjoni, u skont dan il-kuntratt ta' donazzjoni, din il-proprjetà kellha valur ta' €65,000. L-appellant qal li wara li l-Arbitru ħa konjizzjoni ta' dan kollu, kien ċaħad l-appell tal-appellat u kkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali tal-5 ta' Diċembru, 2016. L-appellant qal li l-appellat ma kienx appella minn dik id-deċiżjoni.

9. L-appellant qal li wara li dik id-deċiżjoni tal-Arbitru kienet għaddiet in ġudikat, għaliex kien skada t-terminu ta' tletin ġurnata għall-appell, l-appellat reġa' applika mill-ġdid għall-Għajnuna għal Mard, permezz ta' applikazzjoni ġdida fid-9 ta' Frar, 2017. L-appellant qal li wara li kkonsidra din l-applikazzjoni, u peress li ma kien inbidel xejn miċ-ċirkostanzi tal-appellat, huwa kien tal-fehma li t-talba tal-appellat kellha tiġi miċħuda, u huwa kien informa lill-appellat bid-deċiżjoni tiegħu. Sostna li fil-fehma tiegħu l-appellat kien qiegħed iċaħħad u għadu jċaħħad lilu nnifsu minn riżorsi li kellu, liema riżorsi setgħu jagħmlu tajjeb sabiex hu u familtu jgħixu komdi, mingħajr ma jiddependu fuq l-Istat. L-appellant qal li kien għalhekk li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru, partikolarment għaliex fil-fehma tiegħu dan naqas milli jieħu inkonsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318, u għalhekk mhux jimxi b'mod ekwu kif inhu mistenni minnu.

10. L-appellant għamel riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 li jirregolaw l-għoti tal-Għajnuna għal Mard, li jipprovdu għal test tal-mezzi. Qal li kemm l-appellat kif ukoll l-Arbitru f'dan il-każ naqsu milli jevalwaw dak li jistipula l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali f'dan ir-rigward. Qal li t-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda, tobbliga lid-Direttur Ġenerali appellant illi sabiex jistabbilixxi jekk persuna tkunx eliġibbli għall-Għajnuna għal Mard, għandu jieħu inkonsiderazzjoni kull proprjetà li persuna tista' tkun ċaħħdet lilha nnifisha minnha direttament jew indirettament. Qal li kien għalhekk li meta huwa evalwa t-talba tal-appellat, iddeċieda fin-negattiv, għaliex ħass li ma kellu ebda għażla oħra għajr li jirrifjuta, ladarba kien irriżulta li l-appellat kellu proprjetà

tiswa €65,000 li huwa għażel li jittrasferixxi lin-neputi tiegħu b'titolu ta' donazzjoni.

11. L-appellant qal li ladarba lilu rriżultalu li kien hemm trasferiment b'titolu ta' donazzjoni ta' fond abitabbli, huwa ma setax jinjora dan il-fatt, u stenna li almenu l-appellat jagħti motivazzjoni u raġuni plawsibbli għaliex huwa għamel dan it-trasferiment b'titolu ta' donazzjoni. Qal ukoll li l-ġurisprudenza tispjega li f'każ li jkun hemm donazzjoni, l-animu ta' liberalità li kienu maħkuma bih id-donanti, jibqa' jippersisti, sakemm ma jiġix stabbilit li tali donazzjoni tkun qiegħda ssir bi tpaċija għal servizz li jkun riċevut jew li jistħoqqlu jiġi kkumpensat. Qal li f'dan il-każ l-appellat ma ta l-ebda raġuni għalfejn huwa ddispona minn ġidu, u għalhekk l-appellant qies li din kienet donazzjoni frivola maħsuba biex l-appellat jitpoġġa f'sitwazzjoni ekonomika żvantaġġata. L-appellant qal li l-appellat seta' għamel użu minn dan il-fond billi jbigħu jew jikrih, u b'dan l-introjtu seta' jgħix hu u jgħajjex lil martu, minflok jiddependi fuq il-fondi pubbliċi. Minkejja dawn il-konsiderazzjonijiet, l-Arbitru ddeċieda li l-appellat ma kellux ikun ippenalizzat għal xi ħaġa li għamel fl-2014. L-appellant qal li kieku l-każijiet tas-sigurtà soċjali jittieħdu bil-leġġerezza li ddeċieda biha l-Arbitru, nispiċċaw fi stat fejn diversi persuni jibdew jabbużaw mis-sistema ta' benefiċċji billi jibdew ibigħu u jagħtu proprjetà tagħhom b'titolu ta' donazzjoni, sabiex xi darba jew oħra jkunu eliġibbli għall-għajnuna soċjali. L-appellant qal li huwa għandu l-obbligu li jevalwa l-applikazzjonijiet kollha li jsiru, u f'każ li ma jkunx konvint mill-provi li jitressqu quddiemu, huwa obbligat li jiċħad it-talbiet li jsirulu. Qal ukoll li d-diskrezzjoni tiegħu mhix waħda assoluta, u tibqa' suġġetta għal stħarriġ mill-Arbitru u minn din il-Qorti tal-

Appell. L-appellant qal li f'dan il-każ huwa għadu konvint li l-appellat baqa' fis-sitwazzjoni li kien fiha qabel, u minkejja li d-donazzjoni li għamel hija waħda irrevokabbli u għalhekk il-fond ma jistax jirriverti lura fil-pussess tiegħu, kienet għażla libera u volontarja tal-appellat li jittrasferixxi dan il-fond b'titolu ta' donazzjoni u għalhekk issa għandu jerfa' l-konsegwenzi tad-deċiżjoni tiegħu. Kompla jgħid li f'dan il-każ l-appellat naqas milli jipprova li huwa eliġibbli għall-għajnuna. L-appellant qal li l-Arbitru ma setax japplika l-prinċipji tal-ġustizzja u l-ekwità, filwaqt li jinjora d-dispożizzjonijiet tal-liġi. L-appellant qal li l-prinċipji tal-ġustizzja u l-ekwità huma regolati bl-artikolu 108(9) tal-Kap. 318, imma l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji m'għandhiex tiġi mfissra bħallikieku n-normi tal-liġi għandhom jiġu injorati. L-appellant qal illi f'dan il-każ, li kieku l-Arbitru applika l-liġi kif kien mistenni minnu, il-konklużjoni tiegħu kienet tkun ferm differenti.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

12. Fir-risposta tiegħu l-appellat wieġeb li minkejja li l-aggravju tal-appellant huwa fuq punt legali, fis-sens li dan qiegħed jallega li l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi skont il-Kap. 318, wieħed ma jistax jiskarta l-fatti li wasslu għall-każ odjern. Qal li kuntrarjament għall-fattispeċi tas-sentenzi ċċitati mill-appellant fir-rikors tal-appell intavolat minnu, f'dan il-każ kien l-appellat stess li informa lill-appellant bid-donazzjoni tal-proprjetà li huwa kien għamel lin-neputi tiegħu. Spjega li f'dan il-każ kien huwa stess li mar l-uffiċċju distrettwali tad-Dipartiment, ippreżenta kopja tal-kuntratt ta' donazzjoni, u kien proprju

dan li wassal għal investigazzjoni min-naħa tal-appellant, fejn ġie deċiż li l-appellat għandu jintalab jirrifondi lura flus żejda mħallsa lilu. L-appellat qal li l-artikolu 20 tal-Kap. 318 jistipula min huwa intitolat għall-Għajnuna għall-Mard u jistabbilixxi r-rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti sabiex persuna titqies li hija eliġibbli għal din l-għajnuna. L-appellat qal li l-*proviso* tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, jistabbilixxi x'għandu jittieħed inkonsiderazzjoni fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet tal-artikolu 20, u għamel riferiment għall-parti tal-liġi li tgħid li għandhom jiġu kkonsidrati proprjetajiet jew dħul ta' xi membri tal-familja li l-applikant ikun direttament jew indirettament ċaħħad lilu nnifsu minnhom sabiex ikollu jedd għal Għajnuna għall-Mard jew sabiex ikollu jedd għal rata aktar vantaġġuża. L-appellat qal li f'dan il-każ il-fatti kif seħħew juru proprju l-kontra ta' dan, għaliex li kieku dan huwa każ fejn l-appellat ċaħħad lilu nnifsu minn xi proprjetà sabiex ikollu jedd għal għajnuna soċjali jew għal rata aktar vantaġġuża, kieku ma kienx ikun l-appellat stess li jmur l-uffiċċju distrettwali u jinforma li kienet saret l-imsemmija donazzjoni. Qal li kieku ġara kif qiegħed jallega l-appellant, huwa kien jipprova jaħbi dan il-fatt u mhux jiżvelah. Qal li l-azzjoni volontarja tiegħu turi l-ġenwinità tiegħu, u l-fatt li din id-donazzjoni qatt ma saret bl-iskop li huwa jqiegħed lilu nnifsu f'pożizzjoni fejn ikun jista' jibbenefika mill-għajnuna soċjali bil-mod li titkellem dwaru l-liġi. Qal li l-appellant qiegħed jargumenta li ladarba saret donazzjoni ta' proprjetà, kwalunkwe applikazzjoni tal-appellat tista' tiġi rifjutata abbażi tal-fatt li l-appellat ċaħħad lilu nnifsu mill-kapital. Qal li l-appellant donnu skarta għalkollox dak li tipprovdi l-liġi, jiġifieri l-eżami dwar jekk tali donazzjoni saritx biex wieħed jiċċaħħad minn kapital tiegħu, u b'hekk jieħu vantaġġ mis-sistema tal-għajnuna soċjali. Kompla jgħid li wieħed għandu jagħmel din id-distinzjoni

bejn persuna li tiddisponi minn proprjetà bil-ħsieb li tieħu vantaġġ fuq is-sistema tal-assistenza soċjali ta’ pajjiżna, u persuna li minn osservazzjoni oġġettiva tal-aġir tiegħu, tittrasferixxi in bona fede u mhux b’mod qarrieqi. Qal li hawnhekk għandna sitwazzjoni ta’ applikazzjoni li saret diversi snin wara li seħħet id-donazzjoni inkwistjoni, u għalhekk il-fatt ta’ din id-donazzjoni m’għandux jibqa’ jitqies bħala ċirkostanza perpetwa li ser tibqa’ timmarka u tħalli effett fuq kull applikazzjoni li sejra ssir mill-appellat.

13. Kompla jgħid li huwa in vista ta’ dawn iċ-ċirkostanzi li wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li din hija applikazzjoni ġdida li huwa għamel fl-2017. Qal li huwa kien fattwali fl-applikazzjoni tiegħu u spjega li għajr għad-dar matrimonjali, ma kellux proprjetà oħra. Qal li għalhekk meta għamel l-aħħar applikazzjoni fl-2017, huwa ma kellux mezzi biex jissodisfa dak li tgħid il-liġi. Żied jgħid li fiċ-ċirkostanzi, id-deċiżjoni tal-appellant rigward l-applikazzjoni tiegħu m’għandhiex tittieħed biss abbażi taċ-ċirkostanzi passati tiegħu, imma għandha tingħata konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi preżenti tal-appellat. Qal li f’dan il-każ l-appellant qiegħed jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq fatti li ħarġu minn appell preċedenti dwar rifużjoni ta’ ħlas żejjed, mingħajr ma kkonsidra ċ-ċirkostanzi attwali tal-appellat. Fir-rigward tad-donazzjoni li huwa għamel tliet snin qabel ma saret l-applikazzjoni mertu ta’ dawn il-proċeduri, qal li huwa kien wieġeb u ħallas għaliha. Iżda issa ma tistax tibqa’ tintuża l-istess skuża sabiex huwa jibqa’ ma jingħatax l-għajnuna li qiegħed jitlob. Qal li fil-fehma tiegħu l-Arbitru mexa b’mod ġust fil-parametri tal-liġi. Qal li l-appellant qiegħed jargumenta li l-Arbitru donnu skarta għalkollox id-donazzjoni tal-appellat, u li kieku ma kienx hekk, l-Arbitru ma kienx jiddeċiedi l-appell

quddiemu favur tiegħu. Qal li fil-fehma tiegħu, l-Arbitru ħa inkonsiderazzjoni s-sitwazzjoni preżenti tal-appellat u eżamina l-każ tiegħu b'mod oġġettiv u miftuħ, minflok intrabat ma' ċirkostanza tal-passat u għalaq għajnejh għall-bqija.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mill-appellant, li qiegħed jgħid li f'dan il-każ l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Jirriżulta li l-appellat kien jirċievi għajnuna soċjali fil-forma ta' Għajnuna għal Mard għal diversi snin. Fis-sena 2014, l-appellat ittrasferixxa proprjetà b'valur ta' €65,000 lin-neputi tiegħu b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli, u informa b'dan lill-appellant. Kien hawnhekk li l-appellant investiga ċ-ċirkostanzi kollha tal-appellat, u ġie deċiż li dan kellu jirrifondi lura ammont ta' benefiċċji li huwa rċieva fil-perijodu bejn it-23 ta' Frar, 2013 u l-20 ta' Frar, 2015, u dan għaliex lill-appellant irriżultalu li l-appellat kien ittrasferixxa assi jew proprjetà tiegħu sabiex jissodisfa t-test tal-mezzi, u b'hekk ikun jista' jibbenefika minn tali għajnuna. Din id-deċiżjoni tal-appellant kienet ikkonfermata mill-Arbitru, u sussegwentement għaddiet in ġudikat għaliex l-appellat baqa' ma ppreżenta l-ebda appell minnha. Jirriżulta li fl-2017, l-appellat reġa' applika għall-għajnuna, u l-appellant qies li ma nbidel xejn miċ-ċirkostanzi tal-appellat minn dakinhar li ttieħdet l-ewwel deċiżjoni fil-konfront tiegħu, għaliex fil-fehma tal-appellant baqa' l-istat ta' fatt li l-appellat ittrasferixxa proprjetà tal-valur ta' €65,000 b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli

lin-neputi tiegħu, u dan bil-ħsieb li jkun jista' jibbenefika mill-imsemmija għajnuna.

15. L-appellat appella minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru, li wasal għall-konklużjoni li ladarba meta l-appellat applika għall-għajnuna fl-2017, dan ma kellu l-ebda proprjetà oħra għajr id-dar matrimonjali, l-Arbitru ddeċieda li din hija applikazzjoni ġdida, u li l-appellant kellu obbligu jistħarreġ iċ-ċirkostanzi preżenti tal-applikant, u mhux is-sitwazzjoni tiegħu fil-passat. Imma l-appellant ma jaqbilx li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Arbitru hija waħda korretta, u jgħid li l-Għajnuna għal Mard li applika għaliha l-appellat hija regolata mill-artikolu 20 tal-Kap. 318. Dan l-artikolu tal-liġi huwa subordinat għal Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-istess Kapitolu, li tipprovdi għall-mod kif għandu jsir il-kalkolu tat-test tal-mezzi f'każijiet bħal dawn, u tinkludi l-*proviso:*

> "Iżda kull proprjetà jew dħul li għandhom ikunu kalkolati għall-finijiet ta' din it-Taqsima skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu għandhom jinkludu kull proprjetà jew dħul li xi membru tal-familja kif hawn qabel imsemmi f'din it-Taqsima kien direttament jew indirettament ċaħħad lilu nnifsu minnhom sabiex ikollu jedd għal Għajnuna għal Mard jew sabiex ikollu jedd għal rata aktar vantaġġuża."

15. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex fil-fehma tiegħu l-Arbitru naqas milli jikkonsidra qabel wasal għad-deċiżjoni tiegħu, il-fatt li huwa kien obbligat jikkonsidra kull proprjetà li l-applikant ċaħħad lilu nnifsu minnha direttament jew indirettament.

16. Il-Qorti kkonsidrat il-fattispeċi kollha tal-każ odjern. Bħala fatt jirriżulta li minkejja li huwa minnu li l-appellat minn jeddu informa lid-Direttur Ġenerali

appellant bit-trasferiment li kien għamel, madanakollu jibqa' l-fatt illi li kieku l-appellat ma ċċaħħadx mill-proprjetà immobbli inkwistjoni, huwa ma kienx ikun eliġibbli għall-għajnuna li qiegħed japplika għaliha, minħabba l-mod kif jaħdem it-test tal-mezzi. Jibqa' l-fatt ukoll li l-appellat ittrasferixxa l-proprjetà b'mod liberu u gratuwitu, mingħajr ma kkonsidra li dik il-proprjetà immobbli setgħet f'xi data futura tintuża biex twieżen lilu u lil martu billi tirrendilhom introjtu f'każ li tinkera jew qligħ ta' somma flus sostanzjali f'każ li tinbiegħ, u bir-rikavat tagħha jkunu jistgħu jgħixu komdi mingħajr il-ħtieġa li jirrikorru għall-għajnuna soċjali. Il-Qorti tirrileva li mill-kuntratt esebit quddiem l-Arbitru, jirriżulta ċar li meta l-appellat ittrasferixxa din il-proprjetà fl-2014, huwa diġà kien pensjonant u għalhekk kien fi stadju f'ħajtu fejn ma kellux jiċċaħħad minn riżorsa li setgħet tirrendilu introjtu jew profitt f'każ li tinbiegħ. Iċ-ċirkostanzi tal-ħajja huma tali li aktar ma persuna tikber fl-età, aktar jikbru l-ispejjeż marbuta mal-kura tas-saħħa tal-individwu, u ċertament li mhux fl-interess tal-ġid komuni li d-dipartiment governattiv li huwa responsabbli minnu l-appellant jagħlaq għajnejh għal trasferiment bħal dak li għamel l-appellat, u l-piż tal-għajnuna li għandu bżonn l-appellat jintefa' fuq spallejn l-Istat u jkollu jagħmel tajjeb għalih it-*taxpayer*. Ċertament li dan la kien il-ħsieb tal-leġiżlatur u lanqas m'għandu jitqies li huwa ġust li affarijiet bħal dawn jitħallew għaddejjin. Kull persuna għandha tinżamm responsabbli għal għemilha. F'każ li l-appellat ħass li għandu jittrasferixxi l-proprjetà tiegħu bil-mod kif ittrasferiha, huwa kien fil-libertà kollha li jagħmel dan, iżda sussegwentement ma jistax idur fuq l-Istat iwieżnu fl-għajnuna li għandu bżonn, għaliex dan ifisser li l-konsegwenzi tad-deċiżjoni tal-appellat ser jagħmel tajjeb għalihom min iħallas it-taxxa. In vista

ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-aggravju sollevat mill-appellant huwa ġustifikat, u tilqgħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant, billi filwaqt li tilqa' l-aggravju tal-appellant, tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tad-19 ta' Lulju, 2017. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**